**288. Il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon, jipproponi:**

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni Telemalta għas-sena finanzjarja mill-1 ta’ Ottubru 1991 sat-30 ta’ Settembru 1992 skont l-Att XVI tal-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta.

Illi wkoll skont l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazz¬joni Telemalta, l-Kamra tapprova bħala Estimi Supplimentari dak l-infiq għas-sena finanzjarja 1990/91 li hu stmat mill- Korporazzjoni Telemalta li se jaċċedi l-ammont totali ta' infiq approvat mill- Kamra għall-istess sena, kif jidher dettaljat fl- estimi għas-sena finanzjarja 1991/92 taħt il-kolonna msemmija "Revised Estimates October 1990, September 1991".

22.09.1991